TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Dwayne Caruana

vs

Majoeddin Ayad

CCT 120/18/MS

27 ta' Novembru 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fis-27 ta' Lulju 2018 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna lill-intimat li jhallsu s-somma ta' €3,500, kwantu ghal €3,000 depozitu fuq xoghol ta' tikhil, kisi u dawl fil-fond tar-rikorrent, liema xoghol ma sarx, u kwantu ghal €500.00 ghal danni morali

Ra illi l-intimat debitament notifikat ma dahhal l-ebda risposta izda it-Tribunal ippermettielu jaghti x-xhieda tieghu xorta wahda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda tal-partijiet bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikuntratta mal-intimat biex dan tal-ahhar jaghmillu xoghol ta' tikhil, zebgha, dawl u ilma fil-fond tar-rikorrent ghal prezz ta' €10,500. Sar kuntratt bejniethom datat 20 ta' Frar 2018. Ir-rikorrent ta lill-intimat depozitu totali ta' €3,000, liema mhuwiex kontestat mill-intimat.
Skond ir-rikorrent, l-intimat beda jittraskura x-xoghol hekk kif ircieva l-ahhar depozitu. Nonostante illi r-rikorrent kien jinsisti mal-intimat biex ikomplilu x-xoghol, dan tal-ahhar baqa' inadempjenti u ghalhekk ir-rikorrent kellu jinkorri spejjes zejda sabiex ihallas direttament in-nies biex dawn ikomplilu x-xoghol. Fil-fatt l-ispiza flok hallas €10,500 kif miftiehem mal-intimat, gie jiswilu €17,000. Ir-rikorrent, pero', qed jinsisti li jiehu lura d-depozitu oltre hames mija ghal danni morali ghall-iskomdu u terturi li l-intimat ikkawzalu fuq din il-bicca xoghol.

Barra minn dan, ir-rikorrent allega illi r-rikorrent ikkawza hsara lil terzi fejn ir-rikorrent kellu jaghmel rapport lil pulizija dwar dan (ara ittri ufficjali u rapport tal-Pulizija esebiti).

Min-naha tieghu l-intimat, ma jikkontestax li rcieva tlett elef depozitu u li l-ammont globali tax-xoghol kien jiswa €10,500. L-anqas ma jikkontesta l-fatt illi x-xoghol ma komplihx u kulma ghamel kien kisi biss. Jattribwixxi dan ghal fatt li l-benneja ma lestewx fiz-zmien u ghalhekk kellu jittardja biex jibda x-xoghol. Jikkonferma illi r-rikorrent kien waqqfu milli jkompli x-xoghol u l-haddiema tal-intimat gew imhallsa mill-istess rikorrent. Minkejja illi l-intimat obbliga ruhu illi jipprezenta lil dan it-Tribunal lista tax-xoghol illi ghamel u jgib xi xhieda, dan ma ghamlux u lanqas ma rega' deher quddiem dan it-Tribunal wara s-seduta fejn ta x-xhieda tieghu.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jidhirlu li x-xhieda moghtija - kemm mir-rikorrent kif ukoll mill-intimat - hija verosimili. Mhuwiex kontestat li l-intimat ircieva tlett elef Euro bhala depozitu u lanqas mhuwa kontestat li l-intimat waqaf milli jkompli x-xoghol li kien ikuntrattat mar-rikorrent. Fil-fatt, l-intimat ighid li "Jiena vera inqast mill-ftehim illi kellna. " Tant hu hekk li r-rikorrent zamm l-istess nies li kien qabbad l-intimat u hallashom ir-rikorrent (ara cekkijietu ircevuti tal-VAT esebiti fil-process ) sabiex dawn ikomplulu x-xoghol. L-intimat ighid ukoll "kont jien li waqaft immur wara li kellna argument …" Jinsisti pero' illi x-xoghol li lahaq lesta kien jiswa aktar minn tlett elef Euro depozitu li kien ircieva.
Fuq din l-asserzjoni l-intimat ma gab l-ebda prova nonostante li obbliga ruhu li jaghmel dan.
It-Tribunal ta opportunita' lill-intimat sabiex iressaq il-provi u x-xhieda li qal li ser iressaq, pero' ma regax deher u lanqas ma ta spjegazzjoni ghal dan.
Ir-rikorrent qed jitlob ukoll hames mitt Euro bhala danni morali. It-Tribunal ma jidhirlux illi ghandu jilqa' din il-parti tat-talba. Dana il-ghaliex, tajjeb jew hazin, ix-xoghol kompla bl-istess haddiema tal-intimat, li thallsu mir-rikorrent, li pero' ma gabx provi li biex lesta x-xoghol kellu jhallas €17,000. L-ircevuti u c-cekkijiet kollha esebiti mir-rikorrent ma jwasslux ghal din ic-cifra.

Ghal dak li jirrigwarda l-quantum, iz-zewg partijiet jaqblu li l-intimat lahaq ghamel xi xoghol. Mhumiex qeghdin jaqblu pero' fuq il-valur ta' dan ix-xoghol u t-Tribunal l-anqas ma ghandu xi konfort ta' xi ghajnuna min-naha tal-intimat peress illi ma pprezentax il-lista li obbliga ruhu li jipprezenta fid-differimenti sussegwenti. Ighid biss b'mod generiku li x-xoghol li lahaq ghamel kien jiswa iktar mit-tlett elef depozitu li tah ir-rikorrent. Min-naha l-ohra r-rikorrent ighid li ma kellux ideja kemm jiswa x-xoghol li lahaq ghamel

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

l-intimat, liema xoghol ghamlu fi spazju ta' tlett gimghat jew iktar. Pero' lt-Tribunal huwa sodisfatt illi l-intimat lahaq ghamel xi xoghol tant li r-

rikorrent hassu komdu ihallas it-tieni depozitu. Hemm qbil ukoll illi l-intimat xtara xi materjal.

It-Tribunal ghalhekk ihoss illi ghandu jaghmel temperament arbitrio bono viri ghat-talba li ghamel ir-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' elfejn Euro (€2,000). Bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

Michela Spiteri LL.D.
Arbitru